Ġabra tal-ġurisprudenza

# SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Awla tal-Appell)

27 ta' Ottubru 2016[1]

"Appell — Servizz pubbliku — Persunal tal-BĊE — Aċċess għal dokumenti — Dokumenti relatati mal-kontenzjuż bejn il-partijiet fl-istanza — Rifjut parzjali ta' aċċess — Regola ta' konkordanza bejn ir-rikors u l-ilment — Eċċezzjoni ta' illegalità"

Fil-Kawża T-787/14 P,

li għandha bħala suġġett appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tat-18 ta' Settembru 2014, Cerafogli vs BĊE (F-26/12, EU:F:2014:218), u intiża għall-annullament ta' din is-sentenza,

**Il-Bank Ċentrali Ewropew**, inizjalment irrappreżentat minn E. Carlini, M. López Torres u F. Malfrère, sussegwentement minn E. Carlini u F. Malfrère, bħala aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat,

appellant,

sostnut minn

**Il-Kummissjoni Ewropea**, inizjalment irrappreżentata minn J. Currall u G. Gattinara, sussegwentement minn G. Gattinara, bħala aġenti,

intervenjenti fl-appell,

il-parti l-oħra fil-kawża hija

**Maria Concetta Cerafogli**, residenti f'Ruma (l-Italja), irrappreżentata minn S. Pappas, avukat,

rikorrenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI ĠENERALI (Awla tal-Appell),

komposta minn M. Jaeger, President, M. Prek, A. Dittrich, S. Frimodt Nielsen (Relatur) u G. Berardis, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

1 — Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

## Sentenza

1 Permezz tal-appell tiegħu ppreżentat skont l-Artikolu 9 tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jitlob l-annullament tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla), tat-18 ta' Settembru 2014, Cerafogli vs BĊE (F-26/12, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:F:2014:218), li permezz tagħha huwa, l-ewwel nett, annulla d-deċiżjoni tal-21 ta' Ġunju 2011 tad-deputat direttur ġenerali tad-Direttorat Ġenerali "Riżorsi umani, baġit u organizzazzjoni" (iktar 'il quddiem id-"DĠ 'Riżorsi umani'") tal-BĊE li ċiħad parzjalment applikazzjoni għall-aċċess għal ċerti dokumenti ppreżentata fl-20 ta' Mejju 2011 minn Maria Concetta Cerafogli, it-tieni nett, ikkundanna lill-BĊE jħallas lil M. C. Cerafogli s-somma ta' EUR 1 000, it-tielet nett, ċaħad il-kumplament tar-rikors ta' M. C. Carefogli u, ir-raba' nett, ikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż.

### Il-kuntest ġuridiku

2 L-Artikolu 23.2 tar-Regoli tal-Proċedura tal-BĊE, adottat bid-Deċiżjoni tal-BĊE 2004/257/KE, tad-19 ta' Frar 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 5, p. 46), jipprovdi li l-aċċess pubbliku għal dokumenti mħejjija jew miżmuma mill-BĊE għandu jkun irregolat b'deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv. Il-Kunsill Governattiv adotta, fl-4 ta' Marzu 2004, id-Deċiżjoni ECB/2004/3, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-BĊE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 5, p. 51).

3 L-Artikolu 7 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg tal-persunal tal-BĊE (iktar 'il quddiem il-"kundizzjonijiet tal-impjieg") u l-Artikolu 1.1.3 tar-Regoli applikabbli għall-persunal tal-BĊE (iktar 'il quddiem ir-"regoli applikabbli għall-persunal") jirregolaw il-kundizzjonijiet ta' aċċess tal-membri tal-persunal tal-BĊE għall-fajl personali tagħhom. B'mod partikolari, l-Artikolu 1.1.3 msemmi iktar 'il fuq jistabbilixxi li "[m]embru tal-persunal għandu d-dritt, anki wara t-tmiem tal-funzjonijiet tiegħu fil-BĊE, li jkollu konoxxenza tad-dokumenti kollha li jinsabu fil-fajl tiegħu" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

4 Fl-1 ta' Awwissu 2006, il-Bord Eżekuttiv adotta r-regoli dwar l-aċċess mill-membri tal-persunal tal-BĊE għad-dokumenti dwar ir-relazzjoni ta' impjieg tagħhom mal-BĊE, li kienu s-suġġett ta' ċerti emendi approvati mill-Bord Eżekuttiv fit-30 ta' Settembru 2008 (iktar 'il quddiem ir-"regoli applikabbli għall-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti tal-persunal tal-BĊE"). Skont dawn ir-regoli, kull applikazzjoni għall-aċċess għad-dokumenti li ma tapplikax għaliha d-Deċiżjoni ECB/2004/3 hija pproċessata mid-direttur ġenerali tad-DĠ "Riżorsi umani". Barra minn hekk, dawn ir-regoli jipprevedu ċertu numru ta' eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti, li jirrigwardaw, b'mod partikolari, id-dokumenti preparatorji, il-pariri legali interni u d-deċiżjonijiet adottati mill-Kunsill Governattiv dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-persunal tal-BĊE.

### Il-fatti li wasslu għall-kawża

5 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma stabbiliti fil-punti 5 sa 16 u 19 tas-sentenza appellata, kif ġej:

"5 Fit-28 ta' Ottubru 2010, it-[Tribunal għas-Servizz Pubbliku] ta s-sentenzi Cerafogli vs BĊE (F-84/08, EU:F:2010:134; F-96/08, EU:F:2010:135, u F-23/09, EU:F:2010:138) fit-tliet kawżi bejn ir-rikorrenti u l-BĊE (iktar 'il quddiem is-'sentenzi tat-28 ta' Ottubru 2010').

6 B'ittra tal-20 ta' Mejju 2011 (iktar 'il quddiem l-'applikazzjoni tal-20 ta' Mejju 2011'), ir-rikorrenti talbet lill-BĊE, skont id-Deċiżjoni ECB/2004/3, jibagħtilha d-dokumenti li ġejjin:

'I) [id-]deċiżjonijiet kollha tal-Bord Eżekuttiv – u d-dokumenti ppreżentati lilu - dwar is-sentenz[i] tat-[Tribunal għas-Servizz Pubbliku] [...]fil-Kawżi F-96/08 u F-84/08, inklużi d-dokumenti interni kollha, memo[randums] u/jew il-proċessi verbali[;]

II) [id-]deċiżjonijiet tal-Bord Eżekuttiv – u d-dokumenti ppreżentati lilu – dwar l-għoti lir-[rikorrenti] ta' reviżjoni annwali tas-salarji u tal-bonusijiet [...] għas-snin 2005 u 2006, inklużi d-dokumenti interni, memo[randums] u proċessi verbali kollha[;]

III) [id-]deċiżjonijiet kollha tal-Bord Eżekuttiv – u d-dokumenti ppreżentati lilu – dwar il-Kawżi F-96/08 u F-84/08 u l-Kawża F-23/09 preċedenti għas-sentenz[i] tat-[Tribunal għas-Servizz Pubbliku] [...] tat-28 ta' Ottubru 2010, inklużi d-dokumenti interni kollha, memo[randums] u/jew proċessi verbali.'

7 Abbażi tan-natura tad-dokumenti mitluba mir-rikorrenti, il-BĊE eżamina l-applikazzjoni tal-20 ta' Mejju 2011 kemm skont is-sistema tad-Deċiżjoni ECB/2004/3 kif ukoll skont ir-regoli applikabbli għall-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti tal-persunal tal-BĊE u għalhekk adotta, fil-21 ta' Ġunju 2011, żewġ deċiżjonijiet distinti.

8 L-ewwel deċiżjoni, iffirmata mid-direttur ġenerali tad-DĠ 'Segretarjat u servizzi lingwistiċi' u mill-kap tad-diviżjoni 'Segretarjat' ta' dan l-istess Direttorat Ġenerali, ġiet adottata abbażi tad-Deċiżjoni ECB/2004/3 (iktar 'il quddiem id-'deċiżjoni adottata abbażi tad-Deċiżjoni ECB/2004/3'). Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-BĊE bgħat lir-rikorrenti tliet dokumenti relatati mad-deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv, tal-24 ta' Mejju 2011, dwar il-politika dwar il-pagi għas-sena 2008. Madankollu, il-BĊE rrifjuta li jibgħatilha d-dokumenti preparatorji għall-imsemmija deċiżjoni, billi bbaża ruħu fuq l-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni ECB/2004/3, li tipprojbixxi l-aċċess 'għal dokument li jkollu opinjonijiet għal użu intern bħala parti mid-dibattiti u l-konsultazzjonijiet preliminari fi ħdan il-ECB [...] anki wara li d-deċiżjoni tkun ittieħdet, sakemm ikun hemm interess pubbliku superjuri li jkunu mikxufa'. Barra minn hekk, huwa ma aċċettax lanqas li jipproduċi l-proċessi verbali rilevanti tal-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv, abbażi tal-Artikolu 4(1)(a) tad-Deċiżjoni ECB/2004/3, li tipproteġi 'l-interess pubbliku dwar [...] il-kunfidenzjalita' tal-proċedimenti tal-korpi tal-ECB fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet'. Fl-aħħar, il-BĊE indika li l-applikazzjoni tal-20 ta' Mejju 2011 kienet tirrigwarda d-Deċiżjoni ECB/2004/3 biss sa fejn din kienet issemmi d-deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv imsemmija iktar 'il fuq, bil-kumplament ikun jaqa' taħt ir-regoli applikabbli għall-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti tal-persunal tal-BĊE, u li d-DĠ 'Riżorsi umani' kien se jwieġeb b'mod separat fil-qafas ta' dawn ir-regoli.

9 It-tieni deċiżjoni ġiet adottata mill-assistent direttur ġenerali tad-DĠ 'Riżorsi umani' abbażi tar-regoli applikabbli għall-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti tal-persunal tal-BĊE (iktar 'il quddiem id-'deċiżjoni adottata abbażi tar-regoli applikabbli għall-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti tal-persunal tal-BĊE'). Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-BĊE bgħat lir-rikorrenti d-deċiżjonijiet l-iktar reċenti dwar l-għoti tar-reviżjoni annwali tas-salarji u tal-bonusijiet għas-snin 2005 u 2006, kif ukoll nota tad-direttur ġenerali tad-DĠ 'Segretarjat u servizzi lingwistiċi' indirizzata lid-direttur ġenerali tad-DĠ 'Riżorsi umani', li minnha jirriżulta li l-Bord Eżekuttiv, matul il-laqgħat tiegħu tat-23 ta' Novembru 2010 u tad-19 ta' April 2011, kien ħa pożizzjoni fuq id-deċiżjoni li ma jappellax mis-sentenzi tat-28 ta' Ottubru 2010 u mir-reviżjoni annwali tas-salarji u tal-bonusijiet tar-rikorrenti għas-snin 2005 u 2006. Madankollu, il-BĊE rrifjuta li jibgħat lir-rikorrenti d-dokumenti preparatorji għat-teħid ta' pożizzjoni tal-korpi deċiżjonali tal-BĊE kif ukoll il-pariri legali interni, billi bbaża ruħu fuq in-natura kunfidenzjali tagħhom.

10 Permezz ta' ittra tal-15 ta' Lulju 2011, ir-rikorrenti ppreżentat 'applikazzjoni ta' konferma' abbażi tal-Artikolu 7(2) tad-Deċiżjoni ECB/2004/3, li fiha kkontestat l-analiżi tal-applikazzjoni tagħha tal-20 ta' Mejju 2011 taħt iż-żewġ sistemi u reġgħet tenniet l-imsemmija talba.

11 Permezz ta' ittra tal-5 ta' Awwissu 2011, il-president tal-BĊE wieġeb għall-applikazzjoni ta' konferma li fiha essenzjalment ikkonferma d-deċiżjoni adottata abbażi tad-Deċiżjoni ECB/2004/3, iżda fl-istess waqt ipprovda wkoll diversi dokumenti oħrajn lir-rikorrenti.

12 Permezz ta' ittra tat-12 ta' Awwissu 2011, id-direttur ġenerali tad-DĠ 'Riżorsi umani' informa lir-rikorrenti li l-applikazzjoni ta' konferma tagħha, tal-15 ta' Lulju 2011, kienet ġiet eżaminata bħala rikors amministrattiv kontra d-deċiżjoni adottata abbażi tar-regoli applikabbli għall-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti tal-persunal tal-BĊE. Permezz ta' din l-ittra, huwa bgħat diversi dokumenti lir-rikorrenti, filwaqt li speċifika li wħud minnhom kienu ġew żvelati parzjalment biss, skont ir-regoli ta' kunfidenzjalità li jirregolaw l-aċċess għall-pariri tas-servizz ġuridiku (iktar 'il quddiem id-'deċiżjoni tat-12 ta' Awwissu 2011').

13 Fl-10 ta' Ottubru 2011, ir-rikorrenti ppreżentat, lill-president tal-BĊE, ilment skont l-Artikolu 41 tal-kundizzjonijiet tal-impjieg kontra d-deċiżjoni tat-12 ta' Awwissu 2011, sa fejn din kienet irrifjutatilha l-aċċess għad-dokumenti mitluba kollha jew kienet tagħtha aċċess parzjali biss għal ċerti dokumenti.

14 Dan l-ilment irċieva żewġ tweġibiet min-naħa tal-BĊE.

15 Minn naħa, il-president tal-BĊE ċaħad l-ilment b'deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2011, filwaqt li bgħat xi informazzjoni u xi dokumenti addizzjonali lir-rikorrenti, b'mod partikolari dwar il-politika dwar il-pagi tal-BĊE u s-sentenzi tat-28 ta' Ottubru 2010 (iktar 'il quddiem id-'deċiżjoni li tiċħad l-ilment'). Madankollu wħud minn dawn id-dokumenti kienu żvelati parzjalment biss, skont ir-regoli ta' kunfidenzjalità li jirregolaw l-aċċess għall-pariri legali interni, konformement mar-regoli applikabbli għall-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti tal-persunal tal-BĊE, kif ukoll għad-data personali tal-aġenti tal-BĊE, skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2000, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 26, p. 102).

16 Min-naħa l-oħra, permezz ta' ittra tat-12 ta'Diċembru 2011, l-assistent direttur ġenerali tad-DĠ 'Riżorsi umani' informa lir-rikorrenti li l-parti tal-ilment li fiha hija speċifikat li l-applikazzjoni għall-aċċess għad-dokumenti ppreżentati lill-Bord Eżekuttiv kellha tinftiehem li tkopri d-dokumenti kollha mibgħuta lil membru wieħed jew iktar ta' dan il-bord, kienet tqieset bħala applikazzjoni ġdida fil-kuntest tar-regoli applikabbli għall-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti tal-persunal tal-BĊE.

[…]

19 Matul is-seduta, ir-rikorrenti ppreċiżat it-talbiet għal annullament tagħha, billi sostniet li meta hija titlob għall-annullament tad-'deċiżjoni tal-21 ta' Ġunju 2011' hija tagħmel riferiment biss għad-deċiżjoni adottata abbażi tar-regoli applikabbli għall-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti tal-persunal tal-BĊE u mhux għad-deċiżjoni adottata abbażi tad-Deċiżjoni ECB/2004/3."

**Il-proċedura fl-ewwel istanza u s-sentenza appellata**

6 Permezz ta' rikors li wasal fir-Reġistru tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fit-23 ta' Frar 2012, irreġistrat taħt ir-referenza F-26/12, M. C. Cerafogli talbet, essenzjalment, l-annullament tad-deċiżjoni tal-BĊE, tal-21 ta' Ġunju 2011, li tirrifjutalha l-aċċess għal ċerti dokumenti u l-kumpens għad-dannu morali li hija tgħid li ġarrbet minħabba din id-deċiżjoni.

7 Insostenn tar-rikors fl-ewwel istanza tagħha, ir-rikorrenti ppreżentat ħames motivi, ibbażati, rispettivament, fuq eċċezzjoni ta' illegalità tar-regoli applikabbli għall-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti tal-persunal tal-BĊE, fuq ksur tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' trasparenza, fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni kif ukoll fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-awtur tad-deċiżjoni adottata abbażi tar-regoli applikabbli għall-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti tal-persunal tal-BĊE.

8 B'digriet tal-15 ta' Jannar 2014, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku reġa' fetaħ il-fażi orali tal-proċedura sabiex jagħti ċans lill-partijiet jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq l-ammissibbiltà tal-motivi differenti mqajma mir-rikorrenti kif ukoll tal-eċċezzjoni ta' illegalità indirizzata kontra r-regoli applikabbli għall-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti tal-persunal tal-BĊE, fid-dawl tar-regola ta' konkordanza bejn l-ilment u r-rikors, b'mod partikolari fid-dawl tas-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Moschonaki (T-476/11 P, EU:T:2013:557), kif ukoll is-sentenzi tal-11 ta' Diċembru 2008, Reali vs Il-Kummissjoni (F-136/06, EU:F:2008:168, punti 47 sa 51) u tal-1 ta' Lulju 2010, Mandt vs Il-Parlament (F-45/07, EU:F:2010:72, punt 121). Il-BĊE u M. C. Cerafogli ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fil-5 u fis-6 ta' Frar 2014 rispettivament.

9 Permezz tas-sentenza appellata, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku laqa' l-eċċezzjoni ta' illegalità.

10 F'dan ir-rigward huwa qies dan li ġej:

"36 [...] kien hemm żvilupp fil-ġurisprudenza dwar il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta (sentenzi Otis *et*, C-199/11, EU:C:2012:684, punti 54 sa 63, u Koninklijke Grolsch vs Il-Kummissjoni, T-234/07, EU:T:2011:476, punti 39 u 40) li jiġġustifika li jeżamina mill-ġdid l-opportunità li tiġi applikata r-regola ta' konkordanza meta eċċezzjoni ta' illegalità titqajjem għall-ewwel darba fir-rikors (sentenza tat-12 ta' Marzu 2014, CR vs Il-Parlament, F-128/12, ĠabraSP, EU:F:2014:38, punt 29).

37 B'mod partikolari, fis-sentenza Koninklijke Grolsch vs Il-Kummissjoni (EU:T:2011:476, punti 37, 39 u 40), il-Qorti Ġenerali, wara li kkonstatat li ebda dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tobbliga lid-destinatarju ta' dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni jikkontesta d-diversi punti ta' fatt u ta' liġi tiegħu matul il-proċedura amministrattiva għaliex inkella ma jkunx jista' jagħmel dan sussegwentement fl-istadju tal-proċedura ġudizzjarja, ċaħdet l-argument tal-Kummissjoni Ewropea li kienet qiegħda tikkontesta l-ammissibbiltà ta' motiv minħabba li ma kienx tqajjem b'mod ċar u preċiż matul il-fażi amministrattiva. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, fiċ-ċirkustanzi deskritti, tali argument kien iwassal sabiex jillimita l-aċċess tar-rikorrenti għall-ġustizzja u, b'mod iktar partikolari, id-dritt tagħha li l-kawża tagħha tinstema' minn qorti. Issa, kif fakkret il-Qorti Ġenerali, id-dritt għal rimedju effettiv u għal aċċess għal qorti imparzjali huwa ggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta.

38 Għalkemm huwa minnu li l-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq ġiet żviluppata f'qasam differenti minn dak tal-kontenzjuż bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-uffiċjali tagħhom, is-sentenza Koninklijke Grolsch vs Il-Kummissjoni (EU:T:2011:476) tirrigwarda l-kompatibbiltà mal-Artikolu 47 tal-Karta ta' limitazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja li ma tkunx prevista b'mod espliċitu mil-leġiżlatur. Fil-qasam tal-kontenzjuż tas-servizz pubbliku, ir-regola tal-konkordanza bejn il-motivi mqajma matul il-proċedura prekontenzjuża u dawk imqajma fir-rikors, minkejja li huma bbażati fuq l-Artikolu 91(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u, sa fejn jirrigwarda l-persunal tal-BĊE, fuq l-Artikolu 41 tal-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-Artikolu 8.1 tar-regoli applikabbli għall-persunal, hija regola li toriġina mill-ġurisprudenza.

39 Issa, it-[Tribunal għas-Servizz Pubbliku] iqis li tliet tipi ta' kunsiderazzjonijiet jipprekludu li eċċezzjoni ta' illegalità mqajma għall-ewwel darba f'rikors tkun iddikjarata inammissibbli minħabba l-fatt biss li ma tkunx ġiet imqajma fl-ilment li jkun jippreċeda l-imsemmi rikors. Dawn il-kunsiderazzjonijiet jirrigwardaw, l-ewwel nett, l-għan tal-proċedura prekontenzjuża, it-tieni nett, in-natura tal-eċċezzjoni ta' illegalità u, it-tielet nett, il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

40 Fl-ewwel lok, f'dak li jirrigwarda l-għan tal-proċedura prekontenzjuża, li huwa l-istess kemm fil-kuntest tal-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll f'dak tal-kontenzjuż tal-persunal tal-BĊE, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-imsemmija proċedura ma għandhiex raġuni meta l-ilmenti jkunu indirizzati lejn deċiżjoni li l-amministrazzjoni ma tistax tirriforma. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-ġurisprudenza eskludiet il-ħtieġa li jitressaq ilment fil-konfront tad-deċiżjonijiet adottati minn Bordijiet tal-Għażla jew ta' rapport ta' evalwazzjoni (sentenza CR vs Il-Parlament, EU:F:2014:38, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 Bl-istess mod, l-obbligu li titqajjem eċċezzjoni ta' illegalità fl-ilment, taħt piena ta' inammissibbiltà, ma jistax jissodisfa l-għan tal-proċedura prekontenzjuża […]

42 Fil-fatt, fid-dawl tal-prinċipju ta' preżunzjoni ta' legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, li jipprovdi li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea tibqa' kompletament fis-seħħ sakemm l-illegalità tagħha ma tkunx ġiet stabbilita minn qorti kompetenti, amministrazzjoni ma tistax tagħżel li ma tapplikax att ġenerali li jkun fis-seħħ u li, fil-fehma tagħha, imur kontra dispożizzjoni legali ta' livell superjuri, bis-sempliċi għan li tippermetti li tinstab soluzzjoni extraġudizzjarja għat-tilwima (sentenza CR vs Il-Parlament, EU:F:2014:38, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Tali għażla għandha tiġi eskluża *a fortiori* meta l-amministrazzjoni kkonċernata taġixxi f'sitwazzjoni ta' kompetenza limitata, għaliex, f'tali każ, hija ma tistax tirtira jew temenda d-deċiżjoni kkontestata mill-membru tal-persunal, anki jekk hija tqis li eċċezzjoni ta' illegalità kontra d-dispożizzjoni li fuqha ġiet adottata d-deċiżjoni kkontestata hija fondata (sentenza CR vs Il-Parlament, EU:F:2014:38, punt 36).

44 Barra minn hekk, il-fatt li eċċezzjoni ta' illegalità titqajjem għall-ewwel darba fir-rikors ma jistax jaffettwa l-prinċipju ta' ċertezza legali peress li, anki li kieku l-persuna kkonċernata kienet qajmet tali eċċezzjoni ta' illegalità sa mill-istadju tal-ilment, l-amministrazzjoni xorta waħda ma kinitx tkun tista' tuża din iċ-ċirkustanza sabiex taqta' t-tilwima mal-membru tal-persunal tagħha permezz ta' ftehim bonarju.

45 Fit-tieni lok, fir-rigward tan-natura tal-eċċezzjoni ta' illegalità, skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 277 TFUE huwa l-espressjoni ta' prinċipju ġenerali li jiżgura lil kull parti d-dritt li tikkontesta b'mod inċidentali, sabiex tikseb l-annullament ta' att li tista' tippreżenta rikors kontrih, il-validità ta' att ta' portata ġenerali adottat minn istituzzjoni tal-Unjoni li jikkostitwixxi l-bażi legali tal-att ikkontestat, jekk din il-parti ma kellhiex id-dritt tippreżenta rikors dirett kontra tali att li għalhekk tkun qiegħda tbati l-konsegwenzi tiegħu mingħajr ma kellha l-opportunità li titlob l-annullament tiegħu (sentenzi Simmenthal vs Il-Kummissjoni, 92/78, EU:C:1979:53, punt 39; Andersen *et* vs Il-Parlament, 262/80, EU:C:1984:18, punt 6, u Sina Bank vs Il-Kunsill, T-15/11, EU:T:2012:661, punt 43). Għalhekk, l-għan tal-Artikolu 277 TFUE huwa li jipproteġi lill-individwi mill-applikazzjoni ta' att normattiv illegali, bil-kundizzjoni li l-effetti ta' sentenza li tikkonstata l-inapplikabbiltà jkunu limitati biss għall-partijiet fil-kawża u li din is-sentenza ma ddaħħalx inkwistjoni l-att stess, li ma jkunx għadu jista' jiġi kkontestat (sentenzi Carius vs Il-Kummissjoni, T-173/04, EU:T:2006:333, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata, u CR vs Il-Parlament, EU:F:2014:38, punt 38).

46 Issa, jekk wieħed jassumi li l-obbligu li titqajjem eċċezzjoni ta' illegalità fl-ilment taħt piena ta' inammissibbiltà jista' jwieġeb għall-għan tal-proċedura prekontenzjuża, it-[Tribunal għas-Servizz Pubbliku] iqis li n-natura stess tal-eċċezzjoni ta' illegalità hija dik ta' konċiljazzjoni tal-prinċipju ta' legalità u dak ta' ċertezza legali (sentenza CR vs Il-Parlament, EU:F:2014:38, punt 39).

47 Barra minn hekk, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 277 TFUE jirriżulta li l-possibbiltà li jiġi kkontestat att ta' portata ġenerali wara l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors hija miftuħa għal parti fil-kuntest ta' kawża quddiem qorti tal-Unjoni biss. Għalhekk tali eċċezzjoni ma tistax tipproduċi l-effetti kollha tagħha fil-kuntest ta' proċedura ta' lment amministrattiv (sentenza CR vs Il-Parlament, EU:F:2014:38, punt 40).

48 Fit-tielet u fl-aħħar lok, it-[Tribunal għas-Servizz Pubbliku] ifakkar li l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li fil-preżent huwa espress fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta u li jipprovdi li '[k]ull persuna għandha d-dritt għal smigħ [...] minn qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita [...] bil-liġi [...]'. Dan il-paragrafu jikkorrispondi għall-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-'KEDB') (sentenza Eżami mill-ġdid Arango Jaramillo *et* vs BEI, C-334/12 RX-II, EU:C:2013:134, punti 40 u 42).

49 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB, li għandu jsir riferiment għaliha konformement mal-Artikolu 52(3) tal-Karta, jirriżulta li l-eżerċizzju tad-dritt għal qorti jista' jkun suġġett għal limitazzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà ta' rikors. Minkejja li l-persuni kkonċernati għandhom jistennew li r-regoli li jistabbilixxu dawn il-limitazzjonijiet ikunu applikati, l-applikazzjoni li ssir tagħhom madankollu ma għandhiex tipprekludi lill-partijiet f'kawża milli jipprevalixxu ruħhom mir-rimedji ġudizzjarji disponibbli (ara, f'dan is-sens, il-Qorti EDB, sentenza Anastasakis vs Il-Greċja, tas-6 ta' Diċembru 2011, rikors Nru 41959/08, mhux ippubblikata fil-Ġabra tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet, punt 24; sentenza Eżami mill-ġdid Arango Jaramillo *et* vs BEI, EU:C:2013:134, punt 43; digriet Internationale Fruchtimport Gesellschaft Weichert vs Il-Kummissjoni, C-73/10 P, EU:C:2010:684, punt 53; sentenza CR vs Il-Parlament, EU:F:2014:38, punt 42).

50 B'mod partikolari, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem speċifikat li l-limitazzjonijiet għad-dritt għal smigħ minn qorti dwar il-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà ta' rikors ma jistgħux jillimitaw l-aċċess minn individwu b'mod jew sa tali punt li d-dritt tiegħu għal smigħ minn qorti jiġi mċaħħad mill-essenza stess tiegħu. Tali limitazzjonijiet ikunu kompatibbli mal-Artikolu 6(1) tal-KEDB biss jekk ikunu maħsuba sabiex jintlaħaq għan leġittimu u jekk ikun hemm relazzjoni raġonevoli ta' proporzjonalità bejn il-mezzi użati u l-għan imfittex (ara l-Qorti EDB, sentenzi Liakopoulou vs Il-Greċja, tal-24 ta' Mejju 2006, rikors Nru 20627/04, mhux ippubblikata fil-Ġabra tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet, punt 17; Kemp *et* vs Il-Lussemburgu, tal-24 ta' April 2008, rikors Nru 17140/05, mhux ippubblikata fil-Ġabra tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet, punt 47, u Viard vs Franza, tad-9 ta' Jannar 2014, rikors Nru 71658/10, mhux ippubblikata fil-Ġabra tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet, punt 29). Fil-fatt, id-dritt għal smigħ minn qorti jkun ippreġudikat meta r-regoli li jirregolawh ma jibqgħux iservu l-għanijiet ta' ċertezza legali u ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u jikkostitwixxu forma ta' ostakolu li jipprekludi lill-parti f'kawża milli jkollha t-tilwima tagħha deċiżjoni fil-mertu minn qorti kompetenti (Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Paolo Mengozzi fis-sentenza Eżami mill-ġdid Arango Jaramillo *et* vs BEI, EU:C:2013:134, punti 58 sa 60; Qorti EDB, sentenza L'Erablière A.S.B..L. vs Il-Belġju, tal-24 ta' Frar 2009, ippubblikata f'estratti fil-Ġabra tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet, rikors Nru 49230/07, punt 35; sentenza CR vs Il-Parlament, EU:F:2014:38, punt 43).

51 Issa, is-sanzjoni ta' inammissibbiltà mqajma għall-ewwel darba fir-rikors tikkostitwixxi limitazzjoni tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva mhux proporzjonata għall-għan imfittex mir-regola ta' konkordanza, jiġifieri li tippermetti ftehim bonarju tat-tilwim bejn il-membru tal-persunal inkwistjoni u l-amministrazzjoni u li tosserva l-prinċipju ta' ċertezza legali (sentenza CR vs Il-Parlament, EU:F:2014:38, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 F'dan ir-rigward, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jfakkar li, skont il-ġurisprudenza, kull uffiċjal diliġenti b'mod normali mistenni jkun jaf ir-regoli applikabbli għall-membri tal-persunal (ara s-sentenza BM vs BCE, F-106/11, EU:F:2013:91, punt 45, dwar ir-regoli applikabbli għat-trattament tal-membri tal-persunal tal-BĊE; dwar ir-Regolamenti tal-Persunal, ara s-sentenza CR vs Il-Parlament, EU:F:2014:38, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata). Madankollu, eċċezzjoni ta' illegalità tista' twassal lit-[Tribunal għas-Servizz Pubbliku] jevalwa l-legalità tal-imsemmija regoli fid-dawl tal-prinċipji ġenerali jew tar-regoli ta' dritt superjuri li jistgħu jmorru lil hinn mill-qafas tar-regoli direttament applikabbli għall-membri tal-persunal. Minħabba n-natura stess ta' eċċezzjoni ta' illegalità, kif ukoll minħabba r-raġunament li jwassal lill-persuna kkonċernata sabiex tirriċerka u tqajjem tali illegalità, ma jistax jiġi rikjest li l-uffiċjal jew il-membru tal-persunal tal-BĊE li jressaq ilment, u li ma jkollux neċessarjament il-kompetenzi legali adegwati, għandu jqajjem tali eċċezzjoni fl-istadju prekontenzjuż, u dan taħt piena ta' inammissibbiltà sussegwenti. Tali dikjarazzjoni ta' inammissibbiltà tikkostitwixxi, għalhekk, sanzjoni sproporzjonata u mhux iġġustifikata għall-membru tal-persunal ikkonċernat.

53 Barra minn hekk, il-fatt li l-possibbiltà li titqajjem eċċezzjoni ta' illegalità fl-istadju tar-rikors tiġi suġġetta għall-applikazzjoni ta' regola ta' konkordanza mal-ilment jista' jwassal sabiex tiġi ffavorizzata indebitament kategorija ta' uffiċjali u ta' membri tal-persunal, jiġifieri dawk li għandhom għarfien legali, meta mqabbla mal-kategoriji l-oħrajn ta' uffiċjali u ta' membri tal-persunal.

54 Fid-dawl ta' dan kollu preċedenti, l-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma għall-ewwel darba fir-rikors għandha tiġi ddikjarata ammissibbli".

11 Fir-rigward tal-analiżi fil-mertu tal-eċċezzjoni ta' illegalità, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li M. C. Cerafogli kienet fondata targumenta li r-regoli applikabbli għall-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti tal-persunal tal-BĊE kienu ġew adottati matul proċedura irregolari, peress li l-Kumitat tal-Persunal ma kienx ġie kkonsultat qabel l-adozzjoni ta' dawn ir-regoli. Barra minn hekk, huwa qies li l-BĊE kien kiser l-Artikoli 48 u 49 tal-kundizzjonijiet tal-impjieg u li t-tielet ilment tal-eċċezzjoni ta' illegalità kien għalhekk fondat, mingħajr ma kien meħtieġ li jeżamina l-ilmenti l-oħrajn dwar l-eċċezzjoni ta' illegalità.

12 It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies li, konsegwentement, id-deċiżjoni tal-21 ta' Ġunju 2011 stess, meħuda abbażi tar-regoli applikabbli għall-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti tal-persunal tal-BĊE, kienet illegali, mingħajr il-ħtieġa li jiġu eżaminati l-ilmenti l-oħrajn miġjuba minn M. C. Cerafogli (punt 71 tas-sentenza appellata).

13 Sussegwentement, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li, minħabba l-annullament tad-deċiżjoni adottata abbażi tar-regoli applikabbli għall-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti tal-persunal tal-BĊE, M. C. Cerafogli kienet għal darba oħra tinsab f'sitwazzjoni ta' stennija għad-deċiżjoni finali fuq l-applikazzjoni tagħha tal-20 ta' Mejju 2011 u li tali dewmien fis-sitwazzjoni ta' stennija u ta' inċertezza, ipprovokata mill-illegalità tad-deċiżjoni inkwistjoni, kien jikkostitwixxi dannu morali li ma setax jiġi kkumpensat bis-sempliċi annullament ta' din id-deċiżjoni. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi u, b'mod partikolari, minn naħa, tal-gravità tad-difett li jivvizzja r-regoli applikabbli għall-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti tal-persunal tal-BĊE li jirriżulta min-nuqqas ta' konsultazzjoni minn qabel tal-Kumitat tal-Persunal u, min-naħa l-oħra, tal-fatt li l-BĊE diġà ta diversi dokumenti lil M. C. Cerafogli, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies li kien ikun kumpens ġust għal dan id-dannu li jikkundanna lill-BĊE jħallas lil M. C. Cerafogli s-somma ta' EUR 1 000.

14 Fl-aħħar, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż.

**Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u t-talbiet tal-partijiet**

15 Permezz ta' nota ppreżentata fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-28 ta' Novembru 2014, il-BĊE ppreżenta dan l-appell.

16 M. C. Cerafogli ppreżentat risposta fit-terminu stabbilit.

17 Il-BĊE kien awtorizzat, fuq talba tiegħu, jippreżenta replika, li huwa ppreżenta fit-terminu stabbilit.

18 M. C. Cerafogli kienet awtorizzata tippreżenta kontroreplika, li hija ppreżentat fit-terminu stabbilit.

19 Permezz ta' digriet tad-29 ta' Ġunju 2015, il-President tal-Awla tal-Appelli tal-Qorti Ġenerali aċċetta li l-Kummissjoni tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-BĊE.

20 B'digriet tad-29 ta' Ġunju 2015, il-President tal-Awla tal-Appelli tal-Qorti Ġenerali ċaħad it-talba għal intervent ta' Union for Unity (U4U) insostenn tat-talbiet ta' M. C. Cerafogli.

21 Fuq proposta tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (Awla tal-Appelli), fin-nuqqas ta' talba f'dan is-sens imressqa mill-partijiet fit-terminu stabbilit fl-Artikolu 207 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, iddeċidiet li tagħti deċiżjoni fuq dan l-appell mingħajr fażi orali tal-proċedura.

22 Il-BĊE jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tagħti deċiżjoni konformement mal-motivi li huwa invoka fl-ewwel istanza;

— tikkundanna lil kull wieħed mill-partijiet sabiex ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

23 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tannulla s-sentenza appellata.

24 M. C. Cerafogli titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad l-appell bħala kompletament infondat;

— tikkonferma s-sentenza appellata;

— tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż.

**Fuq l-appell**

25 Il-BĊE, sostnut mill-Kummissjoni, jikkontesta kemm ir-rilevanza tal-analoġija li għamel it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku bejn il-kontenzjuż tal-kompetizzjoni u dak tas-servizz pubbliku, kif ukoll it-tliet tipi ta' kunsiderazzjonijiet li wasslu lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jevalwa mill-ġdid il-ġurisprudenza dwar l-ammissibbiltà ta' eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma għall-ewwel darba quddiemu, li rrigwardaw, l-ewwel wieħed, l-għan tal-proċedura prekontenzjuża, it-tieni wieħed, in-natura tal-eċċezzjoni ta' illegalità u, it-tielet wieħed, il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

26 Il-BĊE jressaq, f'dan ir-rigward, erba' aggravji insostenn tal-appell tiegħu.

27 L-ewwel aggravju huwa bbażat, minn naħa, fuq estrapolazzjoni żbaljata mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-sentenza tal-15 ta' Settembru 2011, Koninklijke Grolsch vs Il-Kummissjoni (T-234/07, EU:T:2011:476), dwar il-kawżi relatati mal-persunal, peress li dawn iż-żewġ tipi ta' kontenzjuż huma distinti u din l-estrapolazzjoni twassal għal interpretazzjoni żbaljata tal-portata tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") (l-ewwel parti) u, min-naħa l-oħra, fuq nuqqas ta' motivazzjoni (it-tieni parti).

28 Insostenn tat-tieni aggravju tiegħu, il-BĊE jargumenta li, meta jitqies li eċċezzjoni ta' illegalità tista' tiġi invokata għall-ewwel darba quddiem il-qorti u mhux fil-qafas tal-proċedura prekontenzjuża, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mar kontra l-għan tal-proċedura prekontenzjuża, li hija intiża li tiffavorixxi ftehim bonarju tat-tilwim, fatt li jissoponi li l-amministrazzjoni jkollha għarfien tal-ilmenti kollha li jrid jagħmel il-membru tal-persunal kontra d-deċiżjoni li qiegħed jikkontesta (l-ewwel parti) kif ukoll id-drittijiet tad-difiża tal-istituzzjoni fil-qafas tal-imsemmija proċedura prekontenzjuża (it-tieni parti). Barra minn hekk, il-BĊE jargumenta, essenzjalment, li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kien żbaljat meta qies li l-amministrazzjoni ma kellhiex għażla oħra ħlief li tapplika regola ta' portata ġenerali minkejja li hija kienet tqisha illegali u li huwa ma ħax inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni partikolari tal-BĊE li huwa wkoll l-awtur tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-persunal (it-tielet parti) u li huwa għamel interpretazzjoni żbaljata tal-prinċipju ta' ċertezza legali (ir-raba' parti).

29 It-tielet aggravju huwa bbażat fuq evalwazzjoni żbaljata tan-natura tal-eċċezzjoni ta' illegalità u fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 227 TFUE (l-ewwel parti), f'dak li, essenzjalment, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kien żbaljat meta qies li eċċezzjoni ta' illegalità ma tistax tipproduċi l-effetti tagħha b'mod sħiħ fil-kuntest ta' proċedura ta' lment amministrattiv. Il-BĊE jargumenta, fl-ewwel lok, li l-protezzjoni ta' parti f'kawża mill-applikazzjoni ta' att illegali ma tipprekludix li jkunu imposti kriterji ta' ammissibbiltà sabiex eċċezzjoni ta' illegalità titqajjem b'mod validu, fit-tieni lok, li l-fatt li eċċezzjoni ta' illegalità tista' tiġi invokata biss b'mod inċidentali ma jwassalx għall-impossibbiltà li tali eċċezzjoni titqajjem fil-qafas ta' proċedura ta' lment amministrattiv u, fl-aħħar, fit-tielet lok, li jeżiġi li l-amministrazzjoni tkun avżata sa mill-fażi prekontenzjuża tal-illegalità eventwali ta' dispożizzjoni ta' portata ġenerali sabiex d-drittijiet tad-difiża tagħha jiġu żgurati u li taġixxi, jekk ikun il-każ, abbażi ta' bażi legali tajba, mhux biss fil-konfront tal-membru tal-persunal li ppreżenta lment, iżda wkoll fil-konfront tal-membri tal-persunal kollha. Skont il-BĊE, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kiser ukoll il-prinċipju ta' ċertezza legali (it-tieni parti).

30 Fl-aħħar nett, permezz tar-raba' aggravju tiegħu, il-BĊE jargumenta li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku interpreta l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva u l-prinċipju ta' proporzjonalità b'mod żbaljat, sa fejn essenzjalment huwa qies, b'mod partikolari, li l-inammissibbiltà tal-eċċezzjoni ta' illegalità fl-istadju tar-rikors quddiem il-qorti tal-Unjoni tikkostitwixxi sanzjoni sproporzjonata għall-membru tal-persunal ikkonċernat, b'mod partikolari jekk dan ma kienx ġurist jew ma ħax parir (l-ewwel parti) u għalhekk huwa naqas li jieħu inkunsiderazzjoni ċerti fatti rilevanti tal-każ, jiġifieri l-fatt li M. C. Cerafogli kienet irrappreżentata minn avukat sa mill-proċedura prekontenzjuża (it-tieni parti).

31 M. C. Cerafogli tikkontesta dan l-argument.

32 L-ewwel nett, għandu jitfakkar li, bħall-Artikolu 91(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Artikolu 42 tal-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-Artikolu 8.1 tar-regoli applikabbli għall-persunal jipprevedu li membru tal-persunal tal-BĊE jista' jippreżenta rikors biss wara eżawriment tal-proċedura prekontenzjuża li, fir-rigward tal-persunal tal-BĊE, tinkludi żewġ stadji, jiġifieri talba għal eżami prekontenzjuż u wara lment li għandu jitressaq qabel.

33 Għandu jitfakkar li l-legalità ta' deċiżjoni għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-punti ta' fatt u ta' liġi li l-istituzzjoni tiddisponi minnhom meta tadotta l-imsemmija deċiżjoni. Fid-dawl tan-natura evoluttiva tal-fażi prekontenzjuża, ir-redazzjoni tal-att li jistabbilixxi l-pożizzjoni definittiva tal-istituzzjoni tispiċċa mal-adozzjoni tar-risposta magħmula mill-Awtorità tal-Ħatra għall-ilment ippreżentat mill-membru

tal-persunal. Minn dan jirriżulta li l-legalità tal-att definittiv li jikkawża preġudizzju lir-rikorrenti hija evalwata fid-dawl tal-punti ta' fatt u ta' liġi li l-istituzzjoni tiddisponi minnhom fil-mument tal-adozzjoni, espliċita jew impliċita, ta' din ir-risposta, bla ħsara għall-possibbiltà, għall-istituzzjoni, fil-kundizzjonijiet previsti mill-ġurisprudenza, li tagħti informazzjoni supplimentari matul il-fażi kontenzjuża (sentenza tal-21 ta' Mejju 2014, Mocová vs Il-Kummissjoni, T-347/12 P, EU:T:2014:268, punt 45).

34 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, ir-regola ta' konkordanza bejn l-ilment u r-rikors sussegwenti tirrikjedi, taħt piena ta' inammissibbiltà, li lment imqajjem quddiem il-qorti tal-Unjoni jkun diġà tqajjem fil-kuntest tal-proċedura prekontenzjuża, sabiex l-Awtorità tal-Ħatra tkun f'pożizzjoni li tkun taf b'mod preċiż biżżejjed il-kritiki li l-parti kkonċernata se tagħmel kontra d-deċiżjoni kkontestata. Din ir-regola hija ġġustifikata mill-għan stess tal-proċedura prekontenzjuża, li huwa li tippermetti ftehim bonarju tat-tilwim li jqum bejn l-uffiċjali u l-amministrazzjoni (ara s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Moschonaki, T-476/11 P, EU:T:2013:557, punti 71 u 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Minn dan jirriżulta li, fir-rikorsi ta' uffiċjali, it-talbiet ippreżentati quddiem il-qorti tal-Unjoni jistgħu jinkludu biss kapijiet ta' kontestazzjoni bbażati fuq l-istess raġuni bħal dik li huma bbażati fuqha l-kapijiet ta' kontestazzjoni invokati fl-ilment, u jkun ippreċiżat li dawn il-kapijiet ta' kontestazzjoni jistgħu jiġu żviluppati, quddiem il-qorti tal-Unjoni, billi jiġu ppreżentati motivi u argumenti li ma humiex neċessarjament fl-ilment, iżda li huma relatati mill-qrib magħhom (ara s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Moschonaki, T-476/11 P, EU:T:2013:557, punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat, minn naħa, li, peress li l-proċedura prekontenzjuża għandha natura informali u li b'mod ġenerali l-persuni interessati jaġixxu f'dan l-istadju mingħajr l-użu ta' avukat, l-amministrazzjoni ma għandhiex tinterpreta l-ilmenti b'mod restrittiv, iżda għandha, kuntrarjament, teżaminahom b'mod wiesgħa u, min-naħa l-oħra, li l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll id-dispożizzjonijiet relatati tal-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-Artikolu 8.1 tar-regoli applikabbli għall-persunal, ma għandhomx l-għan li jorbtu, b'mod rigoruż u definittiv, il-fażi kontenzjuża eventwali, peress li r-rikors kontenzjuż la jemenda r-raġuni u lanqas is-suġġett tal-ilment (ara s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Moschonaki, T-476/11 P, EU:T:2013:557, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Ċertament, skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex il-proċedura prekontenzjuża tkun tista' tilħaq l-għan tagħha, l-Awtorità tal-Ħatra għandha tkun f'pożizzjoni li tkun taf b'mod preċiż biżżejjed il-kritiki li l-persuni interessati jagħmlu kontra d-deċiżjoni kkontestata (ara s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Moschonaki, T-476/11 P, EU:T:2013:557, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Madankollu, għandu jiġi speċifikat li, minkejja li l-immutabbiltà tas-suġġett u tar-raġuni tat-tilwima bejn l-ilment u r-rikors hija meħtieġa għal ftehim bonarju tat-tilwim, billi l-Awtorità tal-Ħatra tiġi informata, sa mill-istadju tal-ilment, bil-kritiki tal-persuna interessata, l-interpretazzjoni ta' dawn il-kunċetti ma tistax twassal sabiex tillimita l-possibbiltajiet għall-persuna interessata li tikkontesta b'mod utli deċiżjoni li tikkawżalha preġudizzju (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Moschonaki, T-476/11 P, EU:T:2013:557, punt 83).

39 Din hija r-raġuni għaliex il-kunċett ta' suġġett tat-tilwima, li jikkorrispondi mat-talbiet tal-persuna interessata, kif ukoll dak ta' raġuni tat-tilwima, li jikkorrispondi mal-bażi, ġuridika u fattwali, ta' dawn it-talbiet, ma għandhomx jiġu interpretati b'mod restrittiv (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Moschonaki, T-476/11 P, EU:T:2013:557, punt 84).

40 F'dan il-kuntest, għandu b'mod partikolari jiġi enfasizzat li s-sempliċi bidla fil-bażi legali ta' kontestazzjoni ma hijiex biżżejjed sabiex din ikollha raġuni ġdida. Huwa għalhekk li diversi bażijiet legali jistgħu jsostnu pretensjoni waħda u identika u, għalhekk, raġuni waħda u identika. Fi kliem

ieħor, il-fatt li jiġi invokat il-ksur ta' dispożizzjoni speċifika fir-rikors, li ma kienx invokat fl-ilment, ma jimplikax neċessarjament li r-raġuni tat-tilwima ġiet, minħabba f'hekk, emendata. Għandha ssir, effettivament, enfasi fuq is-sustanza tal-imsemmija raġuni u mhux biss fuq il-formulazzjoni tal-bażijiet legali tagħha, u l-qorti tal-Unjoni għandha tivverifika jekk teżistix rabta stretta bejn il-bażijiet legali tagħha u jekk dawn humiex relatati essenzjalment mal-istess talbiet (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Moschonaki, T-476/11 P, EU:T:2013:557, punt 85).

41 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 277 TFUE, minkejja l-iskadenza tat-terminu previst fis-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kwalunkwe parti tista', f'tilwima li fiha jkun hemm involut att ta' applikazzjoni ġenerali adottat minn istituzzjoni, korp jew organu tal-Unjoni, tinvoka l-eċċezzjonijiet previsti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 263 sabiex tinvoka l-inapplikabbiltà ta' dak l-att quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

42 Bħalma fakkar ġustament it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-punt 45 tas-sentenza appellata (ara l-punt 10 iktar 'il fuq), minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-Artikolu 277 TFUE huwa l-espressjoni ta' prinċipju ġenerali li jiżgura lil kull parti d-dritt li tikkontesta b'mod inċidentali, sabiex tikseb l-annullament ta' att li tista' tippreżenta rikors kontrih, il-validità ta' att istituzzjonali preċedenti li jikkostitwixxi l-bażi legali tal-att ikkontestat, jekk din il-parti ma kellhiex id-dritt tippreżenta, skont l-Artikolu 263 TFUE, rikors dirett kontra tali att, li għalhekk tkun qiegħda tbati l-konsegwenzi tiegħu mingħajr ma kellha l-opportunità li titlob l-annullament tiegħu.

43 Għalhekk, il-possibbiltà mogħtija mill-Artikolu 277 TFUE sabiex tiġi invokata l-inapplikabbiltà ta' regolament jew ta' att ta' portata ġenerali li jipprovdi l-bażi legali tal-att ta' applikazzjoni kkontestat ma tikkostitwixxix dritt ta' azzjoni awtonomu u jista' jiġi eżerċitat biss b'mod inċidentali. Fl-assenza ta' dritt ta' rikors prinċipali, l-imsemmi Artikolu 277 TFUE ma jistax jiġi invokat (sentenzi tas-16 ta' Lulju 1981, Albini vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, 33/80, EU:C:1981:186, punt 17, u tat-22 ta' Ottubru 1996, CSF u CSME vs Il-Kummissjoni, T-154/94, EU:T:1996:152, punt 16; ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 1985, Salerno *et* vs Il-Kummissjoni u Il-Kunsill, 87/77, 130/77, 22/83, 9/84 u 10/84, EU:C:1985:318, punt 36).

44 Sa fejn l-Artikolu 277 TFUE ma għandux l-għan li jippermetti li parti tikkontesta l-applikabbiltà ta' att ta' natura ġenerali insostenn ta' kwalunkwe rikors, il-portata ta' eċċezzjoni ta' illegalità għandha tkun limitata għal dak li huwa indispensabbli għas-soluzzjoni tat-tilwima. Minn dan isegwi li l-att ġenerali li l-illegalità tiegħu hija invokata għandu jkun applikabbli, direttament jew indirettament, għall-każ partikolari li jkun is-suġġett tar-rikors u għandu jkun hemm rabta legali diretta bejn id-deċiżjoni individwali kkontestata u l-att ġenerali inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Novembru 2007, Ianniello vs Il-Kummissjoni, T-308/04, EU:T:2007:347, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata). F'dan ir-rigward, l-eżistenza ta' tali rabta ta' konnessjoni tista' tiġi dedotta, b'mod partikolari, mill-fatt li l-att ikkontestat prinċiparjament huwa bbażat essenzjalment fuq dispożizzjoni tal-att li l-legalità tiegħu hija kkontestata (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2006, Carius vs Il-Kummissjoni, T-173/04, EU:T:2006:333, punt 46, u tal-20 ta' Novembru 2007, Ianniello vs Il-Kummissjoni, T-308/04, EU:T:2007:347, punt 33; ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 1998, De Abreu vs Il-Qorti tal-Ġustizzja, T-146/96, EU:T:1998:50, punti 25 u 29).

45 Fl-aħħar nett, għandu jiġi speċifikat li l-illegalità tal-att ta' portata ġenerali li d-deċiżjoni individwali hija bbażata fuqu ma tistax twassal għall-annullament ta' att ta' portata ġenerali, iżda biss tad-deċiżjoni individwali bbażata fuqu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 1958, Meroni vs L-Awtorità Għolja, 9/56, EU:C:1958:7, punt 2). Effettivament, bħalma rrileva ġustament it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-punt 45 tas-sentenza appellata, l-għan tal-Artikolu 277 TFUE huwa li jipproteġi lil parti fil-kawża mill-applikazzjoni ta' att ta' portata ġenerali illegali, mingħajr madankollu ma jkun ikkontestat l-att ta' portata ġenerali nnifsu, li ma jistax jiġi kkontestat iktar minħabba li jkunu skadew it-termini previsti fl-Artikolu 263 TFUE. Għalhekk, sentenza li tikkonstata l-inapplikabbiltà ta' att ta' portata ġenerali għandha l-awtorità ta' *res judicata* biss fil-konfront tal-partijiet fit-tilwima li wasslet għal din

is-sentenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Frar 1974, Kortner *et* vs Il-Kunsill *et*, 15/73 sa 33/73, 52/73, 53/73, 57/73 sa 109/73, 116/73, 117/73, 123/73, 132/73 u 135/73 sa 137/73, EU:C:1974:16, punt 36).

46 Mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 42 sa 45 iktar 'il fuq jirriżulta li, l-ewwel nett, l-eċċezzjoni ta' illegalità tista' tiġi eċċepita biss b'mod inċidentali, f'rikors prinċipali quddiem il-qorti tal-Unjoni u indirizzat kontra deċiżjoni individwali li tikkawża preġudizzju lir-rikorrent, it-tieni nett, ir-rikors prinċipali nnifsu għandu jkun ammissibbli, it-tielet nett, l-eċċezzjoni hija ammissibbli biss sa fejn ir-rikorrent ma kellux dritt iressaq rikors dirett kontra l-att ta' portata ġenerali li għandu rabta ta' konnessjoni mad-deċiżjoni individwali li tikkawżalu preġudizzju, ir-raba' nett, hija l-qorti tal-Unjoni li għandha tiddikjara inapplikabbli l-att ta' portata ġenerali li tikkonstata l-illegalità tiegħu u tieħu l-konsegwenzi ta' din l-inapplikabbiltà fuq l-att individwali li jikkawża preġudizzju lir-rikorrent u, il-ħames nett, din id-dikjarazzjoni ta' inapplikabbiltà għandha l-awtorità ta' *res judicata* biss fil-konfront tal-partijiet fit-tilwima u ma għandhiex effetti *erga omnes*.

47 L-istruttura ta' dan ir-rimedju inċidentali, marbut mal-introduzzjoni ta' rikors prinċipali quddiem il-qorti, jiġġustifika li eċċezzjoni ta' illegalità mqajma għall-ewwel darba quddiem il-qorti tal-Unjoni tkun iddikjarata ammissibbli, b'deroga għar-regola ta' konkordanza bejn ir-rikors u l-ilment.

48 Fil-fatt, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, mis-sistema leġiżlattiva u ġudizzjarja stabbilita mit-Trattat jirriżulta li, minkejja li l-osservanza tal-prinċipju ta' legalità jinkludi, għall-partijiet fil-kawżi, id-dritt li jikkontestaw il-validità ta' atti ta' portata ġenerali quddiem il-qorti, dan il-prinċipju jimplika wkoll, għall-individwi tal-Unjoni, l-obbligu li jirrikonoxxu l-effikaċja sħiħa tal-imsemmija atti sakemm l-invalidità tagħhom ma tkunx ġiet stabbilita minn qorti kompetenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Granaria, 101/78, EU:C:1979:38, punt 5, u tat-28 ta' Jannar 2016, Éditions Odile Jacob vs Il-Kummissjoni, C-514/14 P, mhux ippubblikata, EU:C:2016:55, punt 40).

49 Hija biss il-qorti li tista', fil-fatt, skont l-Artikolu 277 TFUE, tikkonstata l-illegalità ta' att ta' portata ġenerali u tieħu l-konsegwenzi tal-inapplikabbiltà li jirriżulta minn dan f'dak li jirrigwarda l-att ta' portata individwali kkontestat quddiemha, peress li l-istituzzjoni li l-ilment huwa indirizzat lejha ma tingħatax tali kompetenza mit-Trattati.

50 Il-BĊE targumenta li, f'ċerti każijiet, l-istituzzjoni nnifisha tista' tkun l-awtur tal-att ta' portata ġenerali – bħalma huwa l-każ f'dan il-każ – u għalhekk hija tkun tista' tieħu l-konsegwenzi eventwali ta' eċċezzjoni ta' illegalità li tkun invokata insostenn ta' lment.

51 Madankollu, ma hemmx, f'dan il-każ, kompetenza mogħtija lill-istituzzjoni mit-Trattati, jew minn att ta' dritt sekondarju, iżda minn possibbiltà li l-istituzzjoni tista' tassumi.

52 Ċertament, l-istituzzjoni tista', jekk ikun il-każ, tirtira l-att ta' portata ġenerali li hija l-awtur tiegħu, iżda tali rtirar madankollu ma jimplika ebda konstatazzjoni ta' illegalità tal-imsemmi att, konstatazzjoni li hija biss il-qorti li hija kompetenti tagħmel.

53 Barra minn hekk, l-effetti tal-irtirar ta' att ta' portata ġenerali mill-istituzzjoni, sa fejn hija tkun l-awtur tiegħu, huma differenti minn dawk li jirriżultaw minn konstatazzjoni ta' illegalità mill-qorti tal-Unjoni: l-irtirar ta' att li jopera b'mod retroattiv, ineħħi l-bażi legali ta' kull att li jkun ġie adottat abbażi tiegħu, inklużi atti li ma humiex is-suġġett ta' rikors, filwaqt li l-konstatazzjoni ta' illegalità magħmula mill-qorti, li ma għandhiex effett *erga omnes*, twassal għall-illegalità tad-deċiżjoni individwali kkontestata, iżda tħalli l-att ta' portata ġenerali fl-ordinament ġuridiku mingħajr ma jaffettwa l-legalità tal-atti l-oħrajn li ġew adottati abbażi tiegħu u li ma ġewx ikkontestati fit-terminu tar-rikors (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Frar 1974, Kortner *et* vs Il-Kunsill *et*, 15/73 sa 33/73, 52/73, 53/73, 57/73 sa 109/73, 116/73, 117/73, 123/73, 132/73 u 135/73 sa 137/73, EU:C:1974:16, punti 37 u 38).

54 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-abrogazzjoni eventwali ta' att ta' portata ġenerali – jew il-possibbiltà, għal istituzzjoni, li tirtira att ta' portata ġenerali, li hija l-awtur tiegħu, filwaqt li żżomm parti mill-effetti tiegħu (sentenza tat-23 ta' Novembru 1999, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni, C-89/96, EU:C:1999:573, punti 9 sa 11) – din għandha effett biss fil-futur u, konsegwentement, ma għandhiex effett fuq il-legalità tad-deċiżjoni individwali li tkun ġiet adottata abbażi ta' dan l-att ta' portata ġenerali u li jkun ikkontestat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 1995, Exporteurs in Levende Varkens *et* vs Il-Kummissjoni, T-481/93 u T-494/93, EU:T:1995:209, punt 46).

55 Fi kliem ieħor, l-istituzzjoni tista', ċertament, tirtira jew tħassar att ta' portata ġenerali li hija l-awtur tiegħu, fl-ipotezi li hija tqis li dan l-att huwa vvizzjat b'illegalità, iżda tali rtirar, jew tali abrogazzjoni, ma humiex ekwivalenti għall-konstatazzjoni ta' illegalità, u għall-effetti li jirriżultaw minnu, li tista' tagħmel il-qorti biss konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 277 TFUE.

56 F'tali ċirkustanzi, ir-rekwiżit formali li titpoġġa fil-konoxxenza tal-istituzzjoni, fil-kuntest ta' lment, eċċezzjoni ta' illegalità ta' att ta' portata ġenerali bil-piena ta' inammissibbilà ulterjuri ta' din l-istess eċċezzjoni quddiem il-qorti tal-Unjoni, minkejja li d-destin li din l-istituzzjoni tista' tagħti lill-imsemmija eċċezzjoni, sakemm tkun l-awtur tal-imsemmi att, ma huwiex ekwivalenti għall-konstatazzjoni ta' illegalità mill-qorti tal-Unjoni, hija kuntrarja għall-istruttura u għar-raġuni tal-eċċezzjoni ta' illegalità.

57 Din l-evalwazzjoni ma hijiex imminata mill-argumenti miġjuba mill-BĊE insostenn tal-ewwel parti tat-tieni aggravju tiegħu.

58 Il-BĊE, sostnut mill-Kummissjoni, jargumenta, essenzjalment, li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, billi ammetta li l-membru tal-persunal jista' jqajjem eċċezzjoni ta' illegalità għall-ewwel darba quddiem il-qorti tal-Unjoni, b'deroga għar-regola ta' konkordanza, kiser il-finalità tal-proċedura prekontenzjuża, li hija intiża li jintlaħaq ftehim bonarju għat-tilwim li jqum bejn il-membru tal-persunal u l-istituzzjoni li jagħmel parti minnha.

59 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' legalità jimplika, għall-individwi kollha tal-Unjoni, l-obbligu li jirrikonoxxu l-effikaċja sħiħa tal-imsemmija atti sakemm l-illegalità tagħhom ma tkunx ġiet stabbilita minn qorti kompetenti (ara l-punt 48 iktar 'il fuq).

60 Issa, dan il-prinċipju ma jistax jiġi mminat minn instituzzjoni sabiex issolvi tilwima li qamet bejnha u wieħed mill-membri tal-persunal tagħha b'mod bonarju, fl-assenza ta' kwalunkwe deċiżjoni tal-qorti fuq l-inapplikabbiltà tal-att ta' portata ġenerali.

61 Għalhekk, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ma wettaqx żball ta' liġi meta ddeċieda li l-eċċezzjoni ta' illegalità kienet ammissibbli għall-motivi msemmija fil-punti 42 u 45 sa 47 tas-sentenza appellata.

62 Għalhekk, għandhom jiġu miċħuda, minbarra l-ewwel parti tat-tieni aggravju, it-tielet u r-raba' partijiet tat-tieni aggravju miġjub mill-BĊE, li permezz tagħhom huwa jargumenta, minn naħa, li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku wettaq żball meta qies li l-amministrazzjoni ma għandhiex għażla oħra ħlief li tapplika regola ta' portata ġenerali anki jekk hija kienet tqisha illegali u li ma ħax inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni partikolari tal-BĊE li huwa wkoll, f'dan il-każ, l-awtur tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-membru tal-persunal (it-tielet parti) u, min-naħa l-oħra, li huwa għamel interpretazzjoni żbaljata tal-prinċipju ta' ċertezza legali (ir-raba' parti).

63 Għandha wkoll tiġi miċħuda għall-istess raġunijiet l-ewwel parti tat-tielet aggravju, li permezz tagħha l-BĊE jargumenta li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku wettaq żball meta qies li eċċezzjoni ta' illegalità ma tistax tipproduċi l-effetti tagħha b'mod sħiħ fil-kuntest ta' proċedura ta' lment amministrattiv.

64 F'dan ir-rigward, ebda wieħed mill-ilmenti miġjuba insostenn ta' din l-ewwel parti tat-tielet aggravju ma jista' jirnexxi.

65 Fl-ewwel lok, il-BĊE jargumenta li l-protezzjoni ta' parti fil-kawża mill-applikazzjoni ta' att illegali ma tipprekludix li jkunu imposti xi kriterji ta' ammissibbiltà sabiex eċċezzjoni ta' illegalità titqajjem b'mod validu.

66 Ċertament, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-Artikolu 47 tal-Karta ma għandux l-għan li jbiddel is-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju prevista mit-Trattati, u b'mod partikolari r-regoli dwar l-ammissibbiltà tar-rikorsi magħmula direttament quddiem il-qorti tal-Unjoni (sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-583/11 P, EU:C:2013:625, punt 97, u digriet tad-29 ta' April 2015, von Storch *et* vs BĊE, C-64/14 P, mhux ippubblikata, EU:C:2015:300, punt 55).

67 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-possibbiltà li tiġi invokata eċċezzjoni ta' illegalità fil-każ ta' tilwima bejn membru tal-persunal u istituzzjoni hija suġġetta għall-osservanza ta' diversi kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà: fir-rigward ta' rimedju inċidentali, dan jippreżumi li jkun ġie ppreżentat rikors prinċipali, li jkun indirizzat lejn deċiżjoni li tikkawża preġudizzju lill-uffiċjal, li dan ir-rikors prinċipali jkun ammissibbli, li l-membru tal-persunal ma setax jitlob l-annullament tal-att ta' portata ġenerali li jikkostitwixxi l-bażi tad-deċiżjoni li tikkawżalu preġudizzju, u li teżisti biżżejjed rabta ta' konnessjoni bejn l-att ta' portata ġenerali u d-deċiżjoni individwali kkontestata.

68 Madankollu, is-sistema legali tal-eċċezzjoni ta' illegalità u, b'mod partikolari, il-kunsiderazzjonijiet marbuta mal-fatt li hija biss il-qorti li tista' tikkonstata l-inapplikabbiltà ta' att ta' portata ġenerali, iwasslu sabiex jitqies li l-fatt li din titqajjem qabel fl-istadju tal-ilment ma jistax jikkostitwixxi kundizzjoni ta' ammissibbiltà addizzjonali.

69 Fit-tieni lok, il-BĊE jargumenta li l-fatt li eċċezzjoni ta' illegalità tista' tiġi invokata biss b'mod inċidentali ma jwassalx għall-impossibbiltà li tali eċċezzjoni titqajjem fil-kuntest ta' proċedura ta' lment amministrattiv.

70 Ċertament, in-natura inċidentali tal-eċċezzjoni ta' illegalità ma tagħmilhiex impossibbli li tali eċċezzjoni titqajjem fl-istadju tal-ilment. Madankollu, il-fatt li l-membru tal-persunal ikun jista' jqajjem tali eċċezzjoni fl-istadju tal-ilment ma jimplikax li huwa jkollu jagħmel dan taħt piena ta' inammissibbiltà sussegwenti ta' tali motiv quddiem il-qorti tal-Unjoni.

71 Fit-tielet lok, il-BĊE jargumenta li l-amministrazzjoni għandha tkun avżata, sa mill-fażi prekontenzjuża, tal-illegalità eventwali ta' dispożizzjoni ta' portata ġenerali sabiex tiżgura d-drittijiet tad-difiża tagħha u sabiex taġixxi, jekk ikun il-każ, abbażi ta' bażi legali korretta, mhux biss fil-konfront tal-membru tal-persunal li ressaq ilment, iżda wkoll fil-konfront tal-persunal kollu.

72 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-osservanza tad-drittijiet tad-difiża, fil-proċeduri kollha mibdija kontra persuna u li tista' twassal għal att li jikkawżalha preġudizzju, tikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni u għandha tkun żgurata anki fin-nuqqas ta' kwalunkwe regoli dwar il-proċedura inkwistjoni. Dan il-prinċipju jeżiġi li l-persuna kkonċernata tkun f'pożizzjoni li tista' tifhem b'mod utli l-opinjoni tagħha dwar punti li jistgħu jintużaw kontriha fl-att previst (ara d-digriet tat-12 ta' Mejju 2010, CPEM vs Il-Kummissjoni, C-350/09 P, mhux ippubblikata, EU:C:2010:267, punti 75 u 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

73 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, fid-dawl tan-natura evoluttiva tal-fażi prekontenzjuża, ir-redazzjoni tal-att li jiffissa l-pożizzjoni definittiva tal-istituzzjoni tispiċċa mal-adozzjoni tar-risposta magħmula mill-Awtorità tal-Ħatra għall-ilment imressaq mill-membru tal-persunal (sentenza tal-21 ta' Mejju 2014, Mocová vs Il-Kummissjoni, T-347/12 P, EU:T:2014:268, punt 45).

74 Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat li, fil-qafas tal-proċedura amministrattiva ta' lment, l-istituzzjoni ma tistax tippretendi l-benefiċċju tad-drittijiet tad-difiża, għaliex hija l-awtur, u mhux id-destinatarju, tal-att li jista' jikkawża preġudizzju lill-membru tal-persunal.

75 Fir-rigward tal-bqija, il-BĊE ma jikkontestax li d-drittijiet tad-difiża tiegħu huma totalment iggarantiti fil-qafas tal-proċedura ġudizzjarja, fejn huwa jista' jippreżenta l-argumenti kollha li jħoss utli jekk ikun iffaċċjat b'eċċezzjoni ta' illegalità insostenn tar-rikors prinċipali.

76 Ir-raġunijiet esposti fil-punti 59 u 60 ta' din is-sentenza jwasslu barra minn hekk sabiex tiġi miċħuda t-tieni parti tal-argumenti miġjuba mill-BĊE insostenn ta' dan l-aggravju, li konsegwentement għandu jiġi miċħud fit-totalità tiegħu, bħat-tieni parti tat-tielet aggravju bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

77 Għandu wkoll jiġi miċħud l-argument tal-BĊE dwar il-ksur tad-drittijiet tad-difiża tiegħu miġjub insostenn tat-tieni parti tat-tieni aggravju tiegħu.

78 Peress li r-raġunijiet mogħtija fil-punti 42 u 45 sa 47 tas-sentenza appellata huma biżżejjed sabiex jiġġustifikaw li eċċezzjoni ta' illegalità mqajma għall-ewwel darba quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku hija ammissibbli b'deroga għar-regola ta' konkordanza, għandu jitqies li huma inoperanti l-argumenti l-oħrajn miġjuba mill-BĊE insostenn, l-ewwel nett, tal-ewwel aggravju tiegħu, ibbażat fuq estrapolazzjoni żbaljata mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliki tas-sentenza tal-15 ta' Settembru 2011, Koninklijke Grolsch vs Il-Kummissjoni (T-234/07, EU:T:2011:476) dwar kawżi relatati mal-persunal, peress li dawn iż-żewġ tipi ta' kontenzjuż huma distinti u din l-estrapolazzjoni twassal għal interpretazzjoni żbaljata tal-portata tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta (l-ewwel parti) u, min-naħa l-oħra, fuq nuqqas ta' motivazzjoni (it-tieni parti), it-tieni nett, tal-ewwel parti tar-raba' aggravju, li permezz tiegħu l-BĊE jargumenta li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku interpreta l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva u l-prinċipju ta' proporzjonalità b'mod żbaljat, sa fejn huwa b'mod partikolari, essenzjalment, qies li l-inammissibbiltà tal-eċċezzjoni ta' illegalità fl-istadju tal-azzjoni legali quddiem il-qorti tal-Unjoni tikkostitwixxi sanzjoni sproporzjonata għall-membru tal-persunal inkwistjoni, u, t-tielet nett, tat-tieni parti tar-raba' aggravju, ibbażata fuq il-fatt li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ma ħax inkunsiderazzjoni ċerti fatti rilevanti tal-każ, jiġifieri l-fatt li M. C. Cerafogli kienet irrappreżentata minn avukat sa mill-proċedura prekontenzjuża (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Ġunju 1994, de Compte vs Il-Parlament, C-326/91 P, EU:C:1994:218, punt 94, u tad-29 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs CAS Succhi di Frutta, C-496/99 P, EU:C:2004:236, punt 68).

79 Konsegwentement, is-soluzzjoni magħżula mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li taċċetta l-ammissibbiltà ta' eċċezzjoni ta' illegalità mqajma għall-ewwel darba quddiem il-qorti tal-Unjoni, b'deroga għar-regola ta' konkordanza, għandha tiġi approvata.

80 Għaldaqstant, hemm lok li l-appell jiġi miċħud.

**Fuq l-ispejjeż**

81 Skont l-Artikolu 211(2) tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell ikun infondat, il-Qorti Ġenerali għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

82 Skont l-Artikolu 134(1) tal-istess Regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 211(1) tal-imsemmija Regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-BĊE tilef, hemm lok li huwa jiġi kkundannat ibati l-ispejjeż, skont it-talbiet ta' M. C. Cerafogli.

83 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 211(1) tal-istess Regoli, l-istituzzjonijiet li intervjenew fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Awla tal-Appell)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-appell huwa miċħud.**

2) **Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Maria Concetta Cerafogli.**

3) **Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha.**

| | | |
|---|---|---|
| Jaeger | Prek | Dittrich |
| Frimodt Nielsen | | Berardis |

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-27 ta' Ottubru 2016.

Firem